MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2009

Numru 933/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**-vs-**

**Rueben Abela u**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni Numru: 933/2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Rueben Abela, bin Paul u Mary nee' Calleja, imwieled ir-Rumanija fit-2 ta' Marzu, 1990 u joqghod fil-fond numru 5, "Stone Henge", Triq ir-Rumani, Mosta, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 597090(M),

U

Omissis
Akkuzati talli llum fl-10 ta’ Settembru, 2009 ghal habta tal-4:50am., waqt li kienu fil-menqa ta’ San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta’ dghajsa ta’ ghamla “Marino”, flimkien mall-mutur taghha t’ghamla “Tohatsu” 30 (hp) kif ukoll zewg cilindri tal-arja tal-bughaddasa, li valur taghhom jammonta ghall 4,400 Euro, liema serq hu aggravat bil-hin u valur u dan ghad-dannu ta’ Anthony Azzopardi minn San Pawl il-Bahar.

U aktar talli fl-istess data, hin, u lok, ikkomettew serq ta’ tank mimli bil-petrol minn dghajsa ohra, liema serq hu aggravat bil-hin u dan ghad-dannu ta’ Paul Bezzina minn Haz Zebbug (Malta).

Il-Qorti giet mitluba biex titratta mal-imsemmija imputati bhala recidivi peress li kienu diga’ nstabu hajta ta’ delitti ohra minn din l-Onorabbli Qorti, liema sentenzi ma jistghux ikunu mhassra.

Rat il-verbal ta’l-udjenza mizmuma llum 10 ta’ Settembru 2009 minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja meta l-ufficjal prosekutur irtira t-tielet imputazzjoni u cioe l-addebietu tar-recidieva.

Rat li waqt dik l-istess seduta z-zewg imputati ammettew l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghhom u li kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat l-artikoli 37, 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni rtirat it-tielet imputazzjoni; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn-naha n-natura tar-reati u minn-naha l-ohra l-koperazzjoni ta'l-imputati mal-pulizija, u l-ammissjoni taghhom f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li ghalkemm il-fedina penali ta' l-imputati mhiex netta huma jistghu jibbenefikaw aktar minn ordni ta' probation u dan anke in vista ta' l-eta taghhom.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni, u wara li rat l-artikoli 37, 261(c)(f), 267 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggihom taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordnijiet mghotija kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghhom u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

Il-Qorti, peress li l-imputat Omissis huwa minorenni, tordna li ismu ma jixxandarx fil-media u mezzi ohra ta' komunikazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------